



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16582/23

LIMITE

CORLX 1106
CFSP/PESC 1650
RELEX 1455
COAFR 439
CONUN 304
FIN 1278

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) 2017/1770 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni
fil-Mali

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1770
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1770 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 251, 29.9.2017, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Settembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Risoluzzjoni 2374(2017), li stabbiliet qafas għall-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u ffriżar tal-assi kontra individwi u entitajiet responsabbli għat-theddid għall-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Mali jew kienu kompliċi fih jew involuti fih direttament jew indirettament.
- (2) Fit-28 ta' Settembru 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1770 biex jagħti effett lid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775, li tikkonċerna miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali².
- (3) Fil-31 ta' Awwissu 2023, ir-reġim ta' sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti skada, meta l-Kunsill tas-Sigurtà naqas milli jaqbel dwar l-estensjoni tiegħu.
- (4) Fid-dawl tat-tmien tar-reġim ta' sanzjonijiet tan-NU fuq il-Mali, jenħtieġ li l-entrati kollha fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1770 jitħassru.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li ir-Regolament (UE) 2017/1770 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali (ĠU L 251, 29.9.2017, p. 23).

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1770 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1770, fil-"Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2a", jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

1. AHMED AG ALBACHAR;
 2. HOUKA HOUKA AG ALHOUSSEINI;
 3. MAHRI SIDI AMAR BEN DAHA;
 4. MOHAMED BEN AHMED MAHRI;
 5. MOHAMED OULD MATALY.
-